MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 44/2005

**Jonathan Grech (I.D.514574(M))**

**vs.**

**Il-Prim Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja, l-Avukat Generali u Gorg Portelli**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' l-imsemmi rikorrenti Jonathan Grech datata 5 ta' Settembru 2005 a fol. 1 tal-process u pprezentat quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi permezz ta' citazzjoni pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri huwa gie mharrek mill-

konvenut Gorg Portelli sabiex jirrestitwixxi s-somma ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000) bhala rizultat ta' nuqqas ta' twettieq u harsien ta' l-obbligazzjoni tieghu skond ftehim imsemmi fl-istess citazzjoni.

Illi fil-mori tal-kawza u precizament fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2004, deher il-perit legali Dott. Joseph Ellis u ddikjara li dakinhar stess ipprezenta r-rapport, il-kawza giet differita ghall-hlas b'halfa u ezami tar-rapport ghas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju 2005.

Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju 2005 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Guridizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-tmienja (8) ta' Novembru 2005 b'dan pero` li l-kontro-parti jkollu zmien hmistax (15)-il gurnata biex jiddikjara jekk ghandux xi talba ohra x'jaghmel. L-Avukat Alfred Grech gie notifikat fl-ewwel (1) ta' Gunju 2005, u fl-erbatax (14) ta' Gunju 2005 permezz ta' l-Avukat Angele Portelli l-konvenut talab li jinstemghu l-provi tieghu billi sa dak l-istadju hu kien ghadu ma pproduca l-ebda prova;

Illi b'digriet ta' din il-Qorti tal-hdax (11) ta' Lulju 2005 giet michuda t-talba tal-konvenut (ir-rikorrenti odjern) ghall-produzzjoni tal-provi u giet koncessa lilu l-fakolta` li jaghmel nota ta' kritika tar-rapport peritali;

Illi b'rikors ipprezentat fl-ghaxra (10) t'Awissu 2005 l-esponenti qajjem punt ta' ksur ta' dritt fundamentali *a tenur* ta' l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali u provvediment analogu fil-Kostituzzjoni ta' Malta t'artikolu 40**, u talab lill-istess Qorti li jigi rimess il-process lill-perit legali sabiex il-konvenut ikollu l-fakolta` li jipprezenta l-provi tieghu u jaghmel il-kontro-ezamijiet opportuni;

Illi l-istess Qorti f'dak l-istadju kellha l-obbligu li *a tenur* ta' l-**artikolu 4 (3) ta' l-Att XIV ta' l-1987**, u l-**artikolu 47 (3)** tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jew tirreferi l-kwistjoni lil din l-Qorti nkella jekk fl-opinjoni taghha il-kwistjoni kienet purament frivola u vessatorja tiddikjara l-kwistjoni f'dak is-sens. *Invece* dik l-istess Qorti ddecidiet billi cahdet it-talba

u kkonfermat id-digriet taghha tal-hdax (11) ta’ Lulju 2005, “billi bil-verbal maghmul fl-udjenza tat-tnax (12) ta’ Novembru 2002, u fil-prezenza tal-legali ta’ l-istess konvenut li ma ghamel ebda rizerva, il-perit legali gie awtorizzat li jghaddi ghar-relazzjoni fuq il-provi migbura.’ (sic);

Illi l-esponenti jhoss li hemm ksur tad-dritt fundamentali *a tenur* ta’ l-**artikolu 6** ta’ l-ewwel skeda annessa ma’ l-**Att XIV ta’ l-1987** (il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali), kif ukoll ta’ l-**Artikolu 40** tal-Kostituzzjoni ta’ Malta peress illi jekk l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tghaddi biex taghti s-sentenza bil-fakolta` biss lill-esponenti illi jaghmel nota ta’ kritika ghar-rapport peritali, hu ovvju li quddiem il-Qorti, ghall-gudizzju taghha hemm biss il-verzjoni u l-fatti kif pprezentati mill-attur, meta ghad hemm il-possibbilta` li l-konvenut jaghmel il-kaz tieghu. Huwa propju meta l-istanza tinsab fi stadju li jistghu jigu prodotti l-provi li l-Qorti taghti l-fakolta` lill-konvenut li jressaq il-kaz tieghu u dan *in virtu`* tal-principju kardinali tal-gustizzja naturali, u *cioe`* l-principju ta’ l-*audi alteram partem,* u l-principju analogu tal-*‘level playing field’*;

Illi kien ikun divers il-kaz kieku l-proceduri waslu fi stadju irriversibbli fejn nghidu ahna lahqet inghatat sentenza u l-process qieghed fi stat ta’ Appell, jew inkella l-istess konvenut iddikjara espressament li ma kellux provi x’iressaq. Fl-ahhar mill-ahhar awtorizzazzjoni biex il-perit jghaddi ghall-provi minghajr rizerva ma tammontax ghal rinunzja tad-dritt li wiehed iressaq ‘il quddiem il-provi tieghu. Il-fatt li l-Avukat tal-konvenut kien prezenti ma jaghmel l-ebda differenza ghall-kwistjoni, iktar u iktar meta wiehed ikkonsidra li l-Avukat fl-ahhar mill-ahhar mhux hlief il-mandatarju fid-dritt tal-patrocinat tieghu;

Illi fuq kollox m’hemm xejn fil-ligi tal-procedura li jipprekludi lill-Qorti li tirregola l-proceduri hi fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Ghaldqstant l-esponenti filwaqt li jaghmel riferenza ghall-atti kollha li waslu ghal din l-procedura jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara l-agir ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Sezzjoni Generali inkwantu rrifjutat li taghti lill-esponenti l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu u jaghmel il-kontro-ezamijiet opportuni fil-kawza fl-ismijiet premessi jivvjola d-dritt fundamentali tieghu ta' smiegh xieraq *a tenur* ta' l-**artikolu 6** ta' l-ewwel skeda annessa ma' l-**Att ta' l-1987** (il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali), kif ukoll ta' l-**artikolu 40** tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Konsegwentament taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Rat li dan ir-rikors kien appuntata nhar is-16 ta' Settembru 2005 ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2005.

Rat ir-risposta ta' l-intimat Gorg Portelli datata 3 ta' Ottubru 2005 a fol. 12 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponenti qieghed jikkontesta t-talba tar-rikorrenti bhala wahda kompletament infondata fid-dritt u fil-fatt.

Illi l-kawza li saret riferenza ghaliha fir-rikors odjern hija dik fl-ismijiet **George Portelli vs Jonathan Grech** (Citz. Nru. 94/1997) (PC).

L-Avukat Dottor Joseph Ellis inhatar bhala perit legali fil-kawza sabiex jisma' x-xhieda u jircievi il-provi tal-kawza, kif ukoll sabiex jaghmel rapport u jghaddih lill-Qorti qabel hija tasal ghad-decizjoni taghha.

Il-Perit Legali zamm mhux inqas minn ghaxar seduti semgha x-xhieda li l-partijiet ghogobhom jipprezentaw in sostenn tat-tezi taghhom fil-kawza. Huwa mbaghad zamm

seduta ohra li fiha ra l-kompjuter li gie diskuss fil-kawza. Sussegwentement, il-partijiet inghataw l-opportunita` li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet taghhom. U mbaghad finalment il-Perit ipproceda ghar-rapport tieghu. L-ghaxar seduti tal-Perit damu erbgha snin sakemm gew mizmuma kollha.

Skond ir-rapport tieghu, il-Perit Legali ddecieda li fil-fehma tieghu l-kaz ta' l-attur gie ppruvat u ghalhekk it-talba tieghu ghax-xoljiment tal-bejgh li sar bejn il-partijiet kif ukoll ghar-rifuzjoni tal-prezz imhallas, ghandha tigi milqugha.

Illi hekk kif il-konvenut fil-kawza (ir-rikorrenti odjern) ra li r-rapport inghata kontra tieghu huwa beda johloq kull tip ta' skuza sabiex jew jistalla kemm jista' il-process ghad-decizjoni finali jew biex jerga' jiftah l-istadju tal-provi mill-gdid.

Illi ghalhekk, wara li l-Qorti halliet il-kawza ghall-ezami tar-rapport kif solitu jigri, il-konvenut beda jikkontendi li kellu xi provi x'jipproduci u sahansitra beda jsostni li ma kienx nghata l-opportunita` mill-Perit Legali biex jipprova l-kaz tieghu.

Illi fil-verita`, il-konvenut inghata izjed minn opportunita` wahda biex jipprezenta l-provi tieghu u huwa fil-fatt ipprezentahom. Il-Perit zamm ghaxar seduta biex gabar il-provi kollha. Sussegwentement, flimkien ma' l-attur, il-konvenut awtorizza lill-perit legali biex jghaddi ghar-rapport tieghu fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2002. Ghalhekk sa dak il-punt huwa hass li kien lahaq ipprezenta l-provi li kellu x'jipprezenta u l-perit legali seta' jirredigi r-rapport u jghaddih lill-Qorti.

Illi kif fuq sottomess, ir-rikorrenti odjern qed jaghmel minn kollox biex jistalla l-process tal-kawza li hemm pendenti. U dan ir-rikors qed iservi ghalih bhala mezz iehor sabiex ghalissa jwaqqaf is-sentenza milli tinghata.

Illi l-ligi hija cara hafna dwar x'inhu r-rwol tal-Perit Legali. Hija wkoll cara sew dwar x'jista' jsir wara li tigi pprezentata r-relazzjoni tieghu.

Il-hatra tal-Perit Legali hija regolata fil-**Kodici tal-Procedura Civili fit-Tielet Ktieb, Titolu Wiehed, Subtitolu IV, intitolat "Fuq il-Periti" (644-682).**

Il-ligi hija cara fis-sens illi gialadarba jinhatar Perit Legali biex jassisti lill-Qorti, il-provi ghandu jigborhom hu; wara li jingabru min-naha tieghu, u huwa jirredigi r-rapport tieghu, ma jistghu jigu pprezentati l-ebda provi ulterjuri.

Dan huwa pprovdut bl-**artikolu 679** li jghid illi:

Meta tigi moghtija lill-periti l-fakolta` li jircievu dokumenti jew li jisimghu xhieda, ma jistghux jingiebu quddiem il-qorti dokumenti godda jew xhieda ohra dwar l-oggetti tal-perizia, hlief fil-kazijiet imsemmija fil-paragrafu *(a), (b), (c), (d)* u *(e)* tas-subartikolu (1) ta' l-**artikolu 150** u fil-paragrafi *(a), (b)* u *(d)* tas-subartikolu ta' l-**artikolu 208.**

Fi kliem iehor, l-unici kazijiet li fihom jistghu jingabu provi godda wara li l-Perit Legali jaghmel ir-rapport tieghu huma fil-kazijiet kontemplati fl-**artikolu 150(1) u 208 tal-Kap. 12 artikolu 150(1)** imsemmi jipprovdi dwar il-kazijiet eccezzjonali li fihom jistghu jingiebu dokumenti f'kawza wara li jkun inghalaq l-istadju tal-provi. Min-naha l-ohra **artikolu 208** jipprovdi ghall-kazijiet ukoll eccezzjonali li fihom jistghu jingabu xhieda godda fl-istadju ta' l-appell.

L-**artikolu 673 u 674 tal-Kap. 12** jaghmluha izjed cara li wara li jigi pprezentat rapport tal-perit, il-partijiet jistghu biss jew (i) jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom dwaru (**artikolu 673**), jew inkella (ii) jitolbu l-hatra ta' periti addizzjonali (**artikolu 674**).

Ghalhekk huwa awtomatikament ikkunsidrat li l-provi kollha ghandhom jigu pprezentati quddiem il-Perit Legali; wara li jinghalqu l-provi quddiemu l-pozizzjoni tkun meqjusa daqs li kieku nghalqu l-provi fil-kawza. Huwa biss f'kazijiet remoti u eccezzjonali, kif kunsidrat mil-ligi li jkunu

nghalqu l-provi fil-kawza, li wiehed jista' jigi awtorizzat jerga' jiftah l-istadju tal-provi.

Abbazi tal-process, kien gust li l-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti odjerni meta wara li gie pprezentat ir-rapport tal-Perit Legali, huma talbu li jergghu jifthu l-istadju tal-provi.

Issa pero` ir-rikorrenti qeghdin isostnu li s-smiegh ta' din il-kawza jikkostitwixxi ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq kif protett sew mill-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan peress illi:

Jekk l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tghaddi biex taghti s-sentenza bil-fakolta` biss lill-esponenti illi jaghmel nota ta' kritika ghar-rapport peritali, hu ovvju li quddiem il-Qorti, ghall-gudizzju taghha hemm biss il-verzjoni u l-fatti kif ipprezentati mill-attur, meta ghad hemm il-possibbilta` li l-konvenut jaghmel il-kaz tieghu.

Din it-talba ghandha tigi michuda ghal zewg ragunijiet u dan peress illi:

A. L-allegazzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq inezattezza fundamentali fis-sens illi m'hu veru xejn li l-konvenut fil-kawza ma nghatax l-opportunita` jipprezenta l-provi tieghu, u fil-fatt ma pprezentax il-provi tieghu. Huwa kellu kull cans jipprezenta l-provi tieghu fl-ghaxar seduti li saru tul erba' snin quddiem il-Perit Legali u huwa fil-fatt ipprezenta dawk il-provi li dehrlu li kellu jipproduci. Barra minn hekk, huwa awtorizza lill-Perit jipprocedi ghar-rapport tieghu. Hadd ma gieghlu biex jaghmel dan, izda huwa tah din l-awtorizzazzjoni wara li fil-fehma tieghu kien sodisfatt li pprezenta l-provi kollha li dakinhar hass li kellu x'jipproduci.

B. Fit-tieni lok, il-konvenut kien assistit minn avukat fil-proceduri quddiem il-Perit Legali. L-avukat tieghu kien jaf tajjeb li l-ligi teskludi bl-izjed mod kategoriku l-possibbilta` li wiehed jipprezenta provi godda wara li jigi pprezentat ir-rapport tal-Perit, u dan hlief fil-kazijiet eccezzjonali provduti mil-ligi.

Illi ghalhekk ma jistax issa r-rikorrenti jsostni li minkejja dawn il-konsiderazzjonijiet huwa ma nghatax smiegh xieraq u ma kellux "*level playing field*". Huwa kellu kull opportunita` li jaghti l-verzjoni tieghu izda f'dan l-istadju, u snin wara li bdiet il-kawza bejn il-partijiet din l-opportunita` spiccatlu; jekk huwa ma utilizzax l-opportunita` tieghu tajjeb jew inkella jekk m'ghogbux l-ezitu tar-rapport tal-Perit Legali ma jfissirx li huwa ghandu jsib mezzi li jmorru barra t-termini tal-ligi biex jara kif isalva l-kaz tieghu.

Illi bl-istess mod l-inqas ghandu issa l-konvenut jinqeda b'kull possibbilta` biex iwaqqaf is-sentenza finali milli tinghata, u dan ghaliex il-probabbilta` hija li d-decizjoni tinghata kontra tieghu.

Illi ghaldqstant dan ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-Prim Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja u l-Avukat Generali datata 11 ta' Ottubru 2005 a fol. 16 tal-process fejn esponew:

1. Preliminarjament, illi r-rikorrenti ghandu rimedji ohrajn li seta' utilizza qabel ma irrikorra quddiem din l-Onorabbli Qorti, *stante* illi:

i) Seta' jaghmel nota ta' kritika ghar-rapport kif *del resto* stednitu jaghmel il-Qorti tal-Magistrati.

ii) Seta' ukoll jappella mis-sentenza finali li ghadha trid tinghata mill-Qorti tal-Magistrati fit-8 ta' Novembru 2005, liema appell jista' wara kollox jirrizulta li lanqas ma jkun necessarju jekk l-istess Qorti tiddeciedi favur ir-rikorrenti.

2. Illi kjarament il-Qorti tal-Magistrati dehrilha li t-talba tar-rikorrenti ghal referenza Kostituzzjonali kienet frivola. Il-fatt li ma ddikjaratx dan espressament ma jfissirx li t-talba tar-rikorrenti kienet accettabbli. Fl-ewwel lok,

i) L-**artikolu 4(3) tal-Kap 319** ma jobbligax lill-Qorti li tghid espressament li kwistjoni mqanqla quddiema hija frivola u vessatorja, izda jghid biss li:-

*“dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja;”*

ii) *Inoltre*, l-esponenti jinnota li l-Qorti difficilment setghet tikkonsidra bhala serja u konsegwentement tilqa’ t-talba tar-rikorrenti meta:-

a) il-kaz kien ilu ghaddej mill-1997;

b) il-Qorti tal-Magistrati kienet espressament appuntat Perit Legali sabiex jigbor il-provi;

c) Ir-rikorrenti kellu kull opportunita` li jressaq il-provi tieghu quddiem l-istess Perit Legali tul iz-zmien li damet ghaddejja l-fazi tal-gbir tal-provi;

d) kif kienet gibditlu l-attenzjoni l-istess Qorti, ir-rikorrenti stess ma kienx oggezzjona ghall-awtorizzazzjoni li nghatat lill-Perit Legali sabiex jghaddi ghar-relazzjoni.

3. Illi kieku t-talba tar-rikorrenti sabiex jithalla jressaq provi f’dak l-istadju tardiv intlaqghet, il-Qorti tal-Magistrati kienet tirrendi ruhha hatja ta’ komplicita` f’abbuz tal-process gudizzjarju, *stante* li kienet tkun qed tippermetti li parti f’kawza tista’ ma tiehux sehem attiv f’dik il-kawza ghal tul ta’ zmien u mbaghad tfittex li ttawwal il-process billi titlob li tressaq il-provi taghha meta z-zmien allokat ghal dan il-ghan ikun skada. L-**artikolu 6** tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll l-**artikolu 39** tal-Kostituzzjoni jitkellmu dwar *“smiegh xieraq”* u *“smiegh imparzjali u pubbliku”* fi *“zmien ragonevoli”* minn tribunal jew Qorti *“indipendenti u imparzjali”*.

Hawnhekk, l-ebda wiehed miz-zewg artikoli citati mir-rikorrenti ma jista’ jinghad li nkiser *stante* li s-smiegh li nghata lir-rikorrenti kien xieraq meta wiehed iqis ic-

cirkustanzi tal-kaz. Smiegh xieraq ma jfissirx skond il-kumdita` tal-partijiet. Lanqas ma jista' jinghad li ntweriet parzjalita` lejn xi hadd mill-partijiet. Finalment, jista' jkun li s-smiegh ma sehhx fi zmien ragonevoli, izda d-dewmien zgur li ma jistax jinghad li kien tort ta' l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-11 ta' Ottubru 2005; tal-4 ta' Novembru 2005; u ta' l-14 ta' Dicembru 2005.

Rat in-nota tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunal, b'risposta ghal komunika tal-verbal tal-11 ta' Ottubru 2005 fejn fiha l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ordnat l-allegazzjoni mal-process odjern kopja ufficjali tal-process Citazzjoni Numru 94/97PC, l-esponent informa lill-istess Qorti illi huwa aderixxa ruhu ma' l-istess ordni u hemez ma' din in-nota kopja ufficjali tal-process in kwistjoni, u dan kollox kif jidher minn fol. 21 sa fol. 161 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat George Portelli pprezentata *seduta stante* fil-14 ta' Dicembru 2005 a fol. 165 tal-process.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti datata 27 ta' Jannar 2006 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din l-istess Qorti hekk presjeduta tal-15 ta' Marzu 2006; tas-6 ta' Gunju 2006 u tas-17 ta' ta' Ottubru 2006 fejn meta issejjah ir-rikors deher Dr. Hubert Theuma ghall-intimati. Ir-rikorrenti u d-difensuri tieghu ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-intimat Gorg Portelli pprezenta kawza fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri kontra r-rikorrent. Fil-mori ta’ din il-kawza gie nominat mill-Qorti Perit Legali Dr. Joseph Ellis li fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Novembru 2004 deher fis-seduta u ddikjara li dakinhar stess kien ipprezenta r-rapport. Il-kawza kienet giet differita ghall-hlas b’halfa u ezami tar-rapport ghas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Mejju, 2005. Illi f’din l-ahhar data, il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-8 ta’ Novembru 2005 b’dan li l-konvenut Grech kellu zmien hmistax-il gurnata biex jiddikjara jekk ghandux xi talba ohra x’jaghmel qabel is-sentenza.

Illi fl-14 ta’ Gunju 2005, *in vista* ta’ dan, ir-rikorrent (konvenut f’dik il-kawza) talab li jinstemghu l-provi kollha tieghu nkluz ukoll il-kontro-ezamijiet tax-xhieda gia prezentati. Il-Qorti pero’ permezz tad-digriet taghha tal-11 ta’ Lulju 2005 cahdet tali talba sabiex huwa jipproduci l-provi u tatu zmien xahar sabiex jipprezenta nota ta’ kritika tar-rapport peritali.

Illi ghalhekk ir-rikorrent ipprezenta rikors fl-ghaxra (10) ta’ Awissu 2005 fejn qajjem il-punt ta’ ksur ta’ dritt fundamentali *a tenur* ta’ l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u provvediment analogu fil-Kostituzzjoni ta’ Malta** u b’hekk talab lill-istess Qorti sabiex il-process jigi rimess lill-Perit Legali biex huwa jipprezenta l-provi tieghu u jaghmel il-kontro-ezamijiet opportuni. Fis-16 ta’ Awissu 2005 il-Qorti cahdet it-talba u kkonfermat id-digriet taghha tal-11 ta’ Lulju 2005.

Illi ghalhekk ir-rikorrent qieghed jilmenta li dan ir-rifjut tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri biex iressaq il-provi tieghu u jaghmel il-kontro-ezamijiet jivvjola d-dritt fundamentali tieghu ta’ smiegh xieraq abbazi ta’ l**-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta’ l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.**

Illi fir-risposta tieghu l-intimat Gorg Portelli sostna li l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq inezattezza ghaliex mhux veru li l-konvenut fil-kawza ma nghatax l-opportunita' li jipprezenta l-provi tieghu. U *inoltre'* l-konvenut kien assistit minn avukat fil-proceduri quddiem il-Perit Legali. B'hekk l-avukat kien jaf tajjeb li l-ligi teskludi l-possibbilta' li wiehed jipprezenta provi godda wara li jigi pprezentat ir-rapport tal-Perit, u dan hlief fil-kazijiet eccezzjonali provduti mill-ligi.

Illi l-intimati l-ohra fir-risposta taghhom eccepew, fost ohrajn, li r-rikorrent kellu rimedji ohrajn li seta' uza qabel ma pprezenta r-rikors odjern. *Inoltre'* sostna li mhux minnu li r-rikorrent ma nghatax smiegh xieraq.

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati Prim Ministru, Ministru tal-Gustizzja u l-Avukat Generali eccepew li r-rikorrenti ma ezawrewx il-mezzi ordinarji ta' rimedju qabel ma pprezentaw ir-rikors Kostituzzjonali odjern u ghalhekk huwa opportun li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha *ai termini* ta' l-**artikolu 4(2) tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 46(2)** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi ghalhekk hawnhekk issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Melita Cable p.l.c. v. L-Avukat Generali et"** (Q.K. App Civ nru:27/03 – 16 ta' Jannar 2006) fejn intqal is-segwenti:-

*"Il-gurisprudenza f'dan ir-rigward giet riassunta b'mod konciz u korrett mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-30 ta' Gunju 2004 fil-kawza fl-ismijiet* ***Olena Tretyak vs. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs*** *– kawza li qed tigi ikkonfermata minn din il-Qorti b'sentenza moghtija llum stess. F'dik is-sentenza il-Prim Awla qalet hekk:*

*'Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur*

*jew theddid ta' ksur lamentat (Kost. 5/4/1991,* ***Vella vs. Kummissarju tal-Pulizija et Kollez*** *Vol:LXXV.i.106). M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci (****P.A.Kost 9/3/96, Clifton Borg vs. Kummissarju tal-Pulizija*** *[mhix pubblikata]);*

Illi madankollu, l-ezistenza ta' rimedju iehor trid titqies fiz-zmien ta' l-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiz-zmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali **"Paul McKay vs. Kummissarju tal-Pulizija et." -** (Q. Kost. 9 ta' Ottubru 2001). M'huwiex moghti lill-persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wiehed jista' jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel **"Spiteri vs. Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar et."** - Q. K. 25 ta' Gunju 1999 - Vol.LXXXIII.i.201);

Illi fil-fatt f'ghadd ta' sentenzi moghtijin f'dawn l-ahhar snin mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, gew stabbiliti principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jew huwiex minnu li r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-principji wiehed isib li (a) meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, r-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju Kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju Kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha; (c) m'hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta' l-imsemmija

diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu;

Illi (d) fil-fatt in-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu; (e) in-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgiba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent (P.A. (Kost) (VDG) 9 ta' Frar 2000 fil-kawza fl-ismijiet **"Victor Bonavia vs. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar et."**); (f) l-ezercizzju minn Qorti (ta' l-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lill-Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni (Kost. 7/3/94, **Vella vs. Bannister et**, Kollez Vol. LXXXVIII.i.48 u Kost. 12/12/02, **Visual & Sound Communications Ltd vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija** (mhix pubblikata); u (g) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh ta' l-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smiegh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti Kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali (P.A. Kost; 29 ta' Ottubru 1993, **"Maria Gaffarena vs. Kummissarju tal-Pulizija"**).

Illi d-diskrezzzjoni li l-Qorti taghzel li tiehu jekk twettaqx jew le s-setghat taghha kostituzzjonali biex tisma' kawza ghandha tigi ezercitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat (Q.K. **"David Axiaq vs. Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku"** – 15 ta' April 2004). Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-

process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali (Q.K. "**Mediterranean Film Studios Limited vs. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et**" – 31 ta' Ottubru 2003).

Illi fis-sentenza "**Stephen Falzon vs Registratur tal-Qrati et**" (P.A. (K) (FS) 14 ta' Frar 2002 - Cit. Nru 21/01/FS) il-Qorti rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet "**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe**" (Qorti Kostituzzjonali- 7 ta' Marzu 1994) li wara li ezaminat numru ta' sentenzi stabbiliet u riaffermat dawn il-principji li gew applikati fis-sentenzi kostituzzjonali fuq citati, tant li gie affermat li:-

*"Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji gurisprudenzjali:*

*(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.*

*(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-esercizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti konferit mill-**artikolu 46 (2)** tal-Kostituzzjoni.*

*(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.*

*(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent.*

*(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-*

*operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.*

*(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Lawrence Cuschieri vs L-Onor Prim Ministru"** deciza fis-6 ta' April, 1995, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:-

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim'Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-**artikolu 46** irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra'. Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat – jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor – illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent ohra adegwati fil-parametri ta' l-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibbilta' li l-lezzjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."*

Illi dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Lulju, 1995 fl-ismijiet **"Paul Mckay vs Kummissarju tal-Pulizija"** u deciza fil-21 ta' April, 1995 fl-ismijiet **"Anton Scicluna *proprio et nomine* vs Prim**

**Ministru."** Illi *inoltre'* f'din is-sentenza nghad dan bil-mod segwenti:-

*"Dan il-proviso ghalhekk mhux xi wiehed li jista' jittiehed b'mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta'; izda min-naha l-ohra l-Qorti ghandha l-obbligu li f'certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita' s-setghat taghha f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qeghda tagixxi ta' Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra l-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-***artikolu 46** *tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, il-Qorti m'ghandhiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat – jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor- illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri ta' l-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. 'Sakemm tibqa' l-possibbilta' li l-lezzjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rattifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."*

Illi mbaghad fir-rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet "**Raymond Farrugia vs Kummissarju tal-Pulizija**" (P.A. (K) (VDG) Rikors Nru 5/2001 VDG) deciz fit-12 ta' Novembru 2001, il-Qorti qalet hekk:-

*"Kif gie mfisser diversi drabi minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali (***Anthony Debattista vs Sammy Meilaq noe***, P.A. 6/4/1995) il-proviso tas-***subartikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kap. 319*** u d-disposizzjoni analoga tal-Kostituzzjoni huma ntizi sabiex jigi assigurat li ma jsirux kawzi kostituzzjonali jew taht l-***artikolu 4 tal-Kap.319*** bla bzonn, cioe' meta dak li jkun seta' konvenjentement jadixxi l-qrati bi procedura ordinarja, filwaqt li jigi assigurat li c-cittadin ma jigix ipprivat mir-rimedji li huwa ghandu dritt ghalihom, jekk ikun il-kaz, kemm taht il-Kostituzzjoni kif ukoll taht il-Kap.319. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-5 ta' Dicembru, 1986 fil-kawza fl-ismijiet* ***Tonio Vella vs. Kummissarju tal-Pulizija et****. (deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April,1991):- 'Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita' ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex mill-banda l-wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **"Tat-Taljan Co. Ltd. vs Awtorita` ta' l-Ippjanar et"** (Q.K. 2 ta' Novembru 2001) *"ghaliex rriteniet li ma kienux ezawriti r-rimedji ordinarji, dan b'mod specjali fejn ikunu gew intavolati proceduri, disponibbli lir-rikorrenti quddiem xi Qorti ohra".* Fil-fatt fl-istess sentenza saret riferenza ghas-segwenti kazistika u *cioe'* **"McKay vs Pulizija u Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Lulju 1995; **"Domenico Savio Spiteri vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Gunju 1999; **"Edward Zahra vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 1999; **"Paul Camilleri vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-

Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-4 ta' Dicembru 1998; **"Teddy Rapa vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2000; ma dawn wiehed jista' jzid diversi ohra fosthom **"Riccardo Zammit vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta' Mejju 2000; **"Maria Debono vs Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (K) (GV) 29 ta' Mejju 2002); **"Francis X. Aquilina vs Avukat Generali** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002), fejn giet ikkwotata s-sentenza **"Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta Marzu 1994 u l-principji hemm enuncjati li gew ukoll hawn riportati.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami rrizulta li r-rikorrent kien ipprezenta rikors, wara li gie pprezentat ir-rapport tal-Perit Legali, sabiex ikun jista' jipprezenta l-provi tieghu u jaghmel il-kontro-ezamijiet necessarji. Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) cahdet tali talba permezz tad-digriet taghha tal-11 ta' Lulju 2005 fejn intqal: *"Billi l-istadju tal-provi ilu maghluq u anki gie pprezentat ir-rapport tal-Perit Legali, tipprovdi billi tikkoncedi lill-konvenut jipprezenta nota ta' kritika tar-rapport peritali fi zmien xahar u l-kontro-parti jkollha zmien xahar iehor ghar-risposta relattiva. Il-kawza tibqa' differita ghas-sentenza ghat-8 ta' Novembru 2005".*

Illi b'hekk Jonathan Grech ipprezenta rikors fl-10 ta' Awissu 2005, fejn in segwitu ghad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-11 ta' Lulju 2005, qajjem punt ta' ksur tad-dritt fundamentali *a tenur* ta' l-**artikolu sitta** tal-**Konvenzjoni Ewropea** u **provvediment analogu fil-Kostituzzjoni ta' Malta**. Fis-16 ta' Awissu 2005 il-Qorti tal-Magistarti (Ghawdex) cahdet tali talba u kkonfermat id-digriet taghha tal-11 ta' Lulju 2005 u dan *"Billi fil-verbal maghmul fl-udjenza tat-12 ta' Novembru 2002, u fil-presenza tal-legali ta' l-istess konvenut li ma ghamel ebda riserva, il-perit legali gie awtorizzat li jghaddi ghar-relazzjoni fuq il-provi migbura."* Ghalhekk fil-5 ta' Settembru 2005 Jonathan Grech ipprezenta r-rikors odjern.

Illi l-intimati kollha barra Gorg Portelli jsostnu li r-rikorrent kellu rimedji ohrajn li seta' utilizza qabel ma pprezenta r-rikors odjern *stante* li (1) seta' jaghmel nota ta' kritika ghar-rapport kif stednitu jaghmel il-Qorti tal-Magistrati; u (2) seta' wkoll jappella mis-sentenza finali li ghadha trid tinghata mill-Qorti tal-Magistrati, liema appell jista' wara kollox jirrizulta li lanqas ma jkun necessarju jekk l-istess Qorti tiddeciedi favurih.

Illi din il-Qorti pero' ma taqbilx ma tali sottomissjoni u nfatti tiddeciedi billi tichad din l-istess eccezzjoni. Fl-ewwel lok huwa minnu li r-rikorrent seta' ipprezenta n-nota ta' kritika ghar-rapport peritali pero' *stante* li huwa qieghed jallega li ma nghatax l-opportunita' li jipprezenta l-provi tieghu u jaghmel il-kontro-ezamijiet din ma kenitx se tkopri l-allegat nuqqas li huwa qieghed jallega li kien hemm fil-proceduri ndikati. Ovvjament jekk l-allegazzjoni tieghu hijiex wahda fondata jew le hija kwistjoni ohra li se tigi trattata aktar 'l isfel. L-istess jinghad ghal dak li gie suggerit li seta' jappella mis-sentenza finali. Dan zgur li ma jistax ikun rimedju adegwat f'ghajnejn ir-rikorrent ghall-allegazzjoni tieghu. Infatti bizzejjed wiehed jirreferi ghall-**artikolu 208 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta** minn fejn jirrizulta car li r-regola generali hija li ebda xhud li ma jkunx ingieb fil-Qorti ta' l-ewwel grad ma jista' jingieb fl-appell. Imbaghad il-ligi tipprovdi b'mod tassattiv ghall-eccezzjonijiet ghal din ir-regola.

Illi ghalhekk ladarba l-ewwel eccezzjoni giet michuda, din il-Qorti trid tiddeciedi dwar jekk l-ilment tar-rikorrent huwiex wiehed fondat.

Illi r-rikorrent jilmenta li gie lez id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq *stante* li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ma taghtux l-opportunita' li jressaq il-provi tieghu.

Illi l**-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jghid hekk:-

*"Kull qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u*

*mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli".*

Illi **l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja** jipprovdi illi:-

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

Illi dan l-artikolu jipprovdi ghal dritt generali ta' *"smiegh xieraq"* u numru ta' drittijiet specifici u jelabora aktar drittijiet fir-rigward ta' dawk li jkunu qed jigu akkuzati b'akkuzi kriminali, fosthom ukoll id-dritt ghal tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi fis-sentenza "**Domenico Savio Spiteri vs A.G. et**" (Rik. Kost.746/00/RCP – P.A. (S.K.) (RCP) 2 ta' Ottubru 2001) inghad li:-

*"Fis-sentenza **"St. Paul's Court Limited vs L-Onor.P.M.et noe"** (Rik. Kost. Nru: 552/96VDG) deciza fis-16 ta' Settembru 1998) l-istess Qorti sostniet li:-*

*Kif tajjeb josservaw l-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick**:-*

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6 (1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".*

*Illi dwar l-istess artikolu nghad fis-sentenza* ***"Kostovski vs The Netherlands"*** *(20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li:-*

*"The effect of Article 6 (1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

*Illi minkejja dan xorta jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistax jigu definiti a priori u specifikatament stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesa' tant li nghad li:-*

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstract the content of this requirement."* **("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"** (1997) **Dr. Roberta Gauci LL.D)".**

*Inoltre'* fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"** ta' ***Andrew Grotrian*** jinghad illi:-

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Illi ineffetti l-imsemmija awtur jelenka l-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** u dawn jikkonsistu *inter alia f'*:-

*"The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:-*

*"The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent."* **("Dombo Beheer BV vs The Netherlands**", *27 ta' Ottubru 1993)".*

Illi mill-atti processwali rrizulta li l-intimat f'dawn il-proceduri, Gorg Portelli, ipprezenta citazzjoni kontra r-rikorrent Jonathan Grech kif diga' gie spjegat aktar 'il fuq. Il-Qorti ghalhekk innominat lill-Perit Legali Dr Joseph Ellis fis-seduta tal-5 ta' Frar 1999.

Illi l-ewwel seduta saret fit-18 ta' Mejju 1999 u ghaliha kienu prezenti l-attur assistit mill-avukat legali tieghu u Andrew Grech li deher ghall-konvenut. F'dik is-seduta Gorg Portelli pprezenta relazzjoni mhejjija fuq inkariku tieghu minn Raymond Grech ta' 'RJ *Computer Services'*. Kien ukoll gie suggerit li Jonathan Grech jiehu konjizzjoni ta' din ir-relazzjoni u jhejji dokument simili sabiex jigu identifikati d-divergenzi li kien hemm bejn il-partijiet. Skond in-nota ta' sottomissjoniet ta' l-intimat Portelli t-tieni seduta saret fis-26 ta' Ottubru 1999. Fil-11 ta' Novembru

1999, Jonathan Grech ipprezenta relazzjoni simili bhal dik ipprezentata.

Illi t-tielet seduta nzammet fit-22 ta' Jannar 2000 fejn gie pprezentat l-affidavit ta' George Portelli u xehed Frank Portelli. Ghal din is-seduta, la l-konvenut u lanqas l-avukat tieghu ma kienu prezenti. Is-seduta tad-19 ta' April 2000 thassret minhabba li l-Perit Legali kien ser ikun imsiefer. Fir-raba' seduta, f'dik tas-17 ta' Gunju 2000, dehru l-partijiet kollha assistiti mill-avukati taghhom fejn qablu li f'dan l-istadju jkun opportun li l-konvenut iressaq il-provi tieghu. Il-konvenut kien ukoll obbliga ruhu li jipprezenta affidavit tieghu. Dan l-affidavit kellu jigi notifikat lill-kontro-parti fi zmien xahar salv id-dritt tal-kontro-ezami ta' l-atturi u bl-ezenzjoni mill-obbligu li ssir in-nota relattiva. Izda *nonostante* dan, Jonathan Grech ma pprezentax l-affidavit tieghu. Infatti fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2000 li ghaliha kienu prezenti l-attur u l-avukati rispettivi tal-partijiet, l-avukat ta' l-attur ipprotesta ruhu ghall-ispejjez tas-seduta minhabba li saret inutilment. *Inoltre'* ta' min jirrileva li fl-istess verbal, id-difensur tal-konvenut f'dawk il-proceduri, iddikjara li mill-ahhar seduta sa dakinhar, il-patrocinat tieghu m'avvicinahx u ghalhekk ma kienx possibbli ghalih li jipprepara l-affidavits jew li jipproduci provi.

Illi fis-seba' seduta mizmuma fil-25 ta' Awissu 2000, l-avukat tal-konvenut ipprezenta zewg affidavits, ta' Andrew Grech u John Anthony Grech. B'hekk gie ezebit affidavit iehor ta' George Portelli fis-seduta tas-7 ta' April 2001, fejn l-attur iddikjara li kien baqaghlu biss il-prova tal-*computer* oggett tal-kawza. Imbaghad fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2001 gie dikjarat li ghalkemm il-partijiet ippruvaw jittransigu, it-transazzjoni ma gietx konkluza. B'hekk fis-16 ta' Marzu 2002, George Portelli kompla bix-xhieda tieghu. F'dik l-istess seduta Dr Michael Grech ghall-attur Gorg Portelli ddikjara li f'dak l-istadju ma kellux aktar provi. Dr Alfred Grech ghall-konvenut talab hmistax zmien sabiex jikkunsidra jekk iressaqx provi ulterjuri jew le. Fin-nuqqas ta' komunika lill-perit legali f'dan is-sens, il-Perit Legali gie awtorizzat ighaddi ghar-rapport wara s-sottomissjoni tan-noti relattivi. Il-konvenut ma jirrizultax mill-atti li ghamel xi komunika lill-perit legali f'dan is-sens.

Illi l-attur ipprezenta n-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu fl-4 ta’ Lulju 2002. Filwaqt li Dr. Alfred Grech ghal Jonathan Grech fit-12 ta’ Novembru 2002 iddikjara li ma kienx se jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet. Fl-istess seduta il-partijiet regghu awtorizzaw lill-Perit Legali sabiex ighaddi ghar-relazzjoni fuq il-provi migbura.

Illi mbaghad saru diversi seduti quddiem il-Magistrat senjatament fl-20 ta’ Mejju 2003, fis-7 ta’ Novembru 2003, fis-27 ta’ Frar 2004 u fil-21 ta’ Mejju 2004 sakemm jigi pprezentat ir-rapport tal-Perit Legali. F’dan iz-zmien il-konvenut qatt ma semma’ li kellu aktar provi x’jipproduci. Il-Perit Legali pprezenta r-rapport tieghu fis-26 ta’ Novembru 2004 u l-kawza baqghet tigi differita ghall-hlas, halfa u ezami tar-rapport. Fis-seduta tas-27 ta’ Mejju 2005, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-8 ta’ Novembru 2005 b’dan li l-kontro-parti jkollha zmien hmistax biex jiddikjara jekk ghandux xi talba ohra x’jaghmel qabel is-sentenza. Kien f’dan il-perjodu li Jonathan Grech ipprezenta nota fejn talab li jinstemghu l-provi kollha tal-konvenut inkluz il-kontro-ezamijiet tax-xhieda gia prezentati flimkien mal-eventwali nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-istess konvenut. Il-Qorti fil-11 ta’ Lulju 2005 iddecidiet li billi l-istadju tal-provi kien ilu maghluq u anki gie pprezentat ir-rapport tal-Perit Legali, ipprovdiet billi kkoncediet lill-konvenut jipprezenta nota ta’ kritika tar-rapport peritali fi zmien xahar u l-kontro-parti kellha zmien xahar ghar-risposta relattiva. Il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-8 ta’ Novembru 2005.

Illi l-ebda nota ta’ kritika ma giet ipprezentata. Izda l-konvenut ipprezenta rikors fejn talab li r-rapport jigi rimess lill-Perit Legali sabiex huwa jipprezenta l-provi tieghu u jaghmel il-kontro-ezamijiet. Il-Qorti cahdet din it-talba filwaqt li kkonfermat id-digriet taghha tal-11 ta’ Lulju 2005 u dan billi bil-verbal maghmul fl-udjenza tat-12 ta’ Novembru 2002, u fil-presenza tal-legali ta’ l-istess konvenut li ma ghamel ebda riserva, il-Perit Legali gie awtorizzat li jghaddi ghar-relazzjoni fuq il-provi migbura. Ghalhekk il-Perit Legali pprezenta r-rapport tieghu. Dan kollu wassal ghall-prezentata tar-rikors odjern fejn ir-

rikorrent qed jallega nuqqas ta' smiegh xieraq minhabba li ma nghatax l-opportunita' li jipprezenta l-provi tieghu.

Illi mill-atti processwali u minn dawk l-atti kollha kif hekk prezentati din il-Qorti thoss li l-istess rikorrenti odjern inghata kull opportunita' li jressaq il-provi tieghu fil-hin opportun izda kien huwa li naqas li jaghmel dan. Din il-Qorti ma thossx li wara li l-istess rikorrenti kien naqas milli jaghmel dak li inghata l-opportunita' li jaghmel diversi drabi quddiem il-Qorti, jvanta dan l-ilment iktar u iktar meta dan jidher li gie mqajjem biss wara li huwa ra li kien hemm rapport peritali, u dan ghaliex fl-opinjoni ta' din il-Qorti jammonta ghall-abbuz tal-proceduri gudizzjarji, u kien forsi ghalhekk li l-ewwel Qorti cahdet ir-rikors ghar-referenza kostituzzjonali. Fil-fatt jinghad li l-istess rikorrenti halla xhur shah ighaddu minghajr ma wera nteress li jiddefendi l-posizzjoni tieghu. F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li jkun ferm ingust fil-konfront tal-kontro-parti kieku kellu jkun mod iehor. In-nuqqas tar-rikorrenti li ma jipprezentax il-provi kollha li llum qed jippretendi li ghandu jressaq kien kollu gej min-naha tieghu – naqas li jipproduci l-affidavits fit-termini li kellhom jigu pprezentati; naqas li jiddikjara fiz-zmien miftiehem jekk kienx fadallu aktar provi u dan minbarra li ghal darbtejn huwa stess awtorizza lill-Perit Legali sabiex jghaddi ghar-rapport, u bejn darba u ohra, kienu ghaddew ukoll xhur shah.

Illi hawnhekk issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Dr David Camilleri noe vs Players' Coaches Complaints Board tal-Malta Football Association et"** (P.A. (AJM) - Cit Nru: 1378/98/AJM) fejn intqal li:-

*"Il-principju ta' l-audi alteram partem jiggarantixxi d-dritt ta' dak li jkun li jigi notifikat bil-proceduri kontra tieghu, li jidher ghall-istess u li jaghti xhieda u jaghmel is-sottomissjonijiet; izda dan id-dritt ma jistax jigi reklamat bhala bazi ta' nullita' ta' proceduri kemm-il darba l-istess parti li tilmenta tkun naqset hija stess. Il-Qorti jew l-awtorita' fdata bir-rezoluzzjoni ta' kwistjoni bejn partijiet ma tistax toqghod lura minhabba nuqqasijiet ta' dak li jkun billi b'hekk jigu pregudikati l-interessi tal-kontro-parti".*

Illi mbaghad fil-kawza fl-ismijiet **“Rosalind Pantalleresco vs Starbrite Cleaners”** (A.C. – 12 ta’ Mejju 2003 - App. Civ : 1/2002) intqal:-

*“Kif rimarkat fid-decizjoni fl-ismijiet ‘Joseph Falzon vs Anthony Debono noe’, Appell Kummerc, 13 ta’ Jannar 1975, ‘ghall-finijiet procedurali hemm diversita’ kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita’ bhal meta jigi ngustament rifjutat is-smiegh tal-provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz, fejn minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa’ ma jgibx il-quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita’ li jgibhom. F’dan l-ahhar kaz ‘imputet sibi’”.*

Illi f’**“Martin Aquilina noe vs Christopher Friggieri”** (A.C. – 20 ta’ Ottubru 2003 App. Civ: 383/02) regghet saret referenza ghall-kawza **“Joseph Fazon vs Anthony Debono noe”** fejn kien gie deciz:-

*“Il-principju ta’ l-audi alteram partem ma jimportax illi f’gudizzju huwa mprexxindibbilment necessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata lilu d-debita opportunita` li huwa jipproducihom. Kieku kien diversament u cjoe’ kieku ma setghetx taht l-ebda cirkostanzi tinghata sentenza hlief wara s-smiegh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista’ jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni tal-kawza billi jibqa’ passiv jew jipprokrastina indefinittivament”.*

Illi fuq l-istess binarju kienet is-sentenza fl-ismijiet **“Anthony Mintoff vs Avukat Generali et”** (P.A. (TM) – 7 ta’ Lulju 2004 - Rik. Nru: 2/03/TM) u il-kawza fl-ismijiet **“Power Projects Limited vs Agius”** (P.A. (Kost) 16 ta’ Gunju 2003) fejn intqal li:-

*“Ikun hemm ksur tal-principju ta’ audi alteram partem jekk il-parti ma tkunx inghata l-opportunita’ tressaq il-provi taghha, jew fejn ix-xhieda moghtija minn parti ma tkunx*

*setghet tigi kkontrollata mill-parti l-ohra minhabba nuqqas ta' opportunita"*

Illi certament li dan ma kienx il-kaz fl-azzjoni mertu tal-kawza odjerna fejn l-istess rikorrenti kellu diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu, u minhabba dan in-nuqqas kostanti tieghu, ma jistax illum jilmenta dwar l-allegat ksur ta' principju ta' smiegh xieraq jew *audi alteram partem.* **"Guido Vella A & CE vs Dr. Emmanuel Cefai"** (A.C. – 5 ta' Ottubru 2001).

Illi fis-sentenza **"Martin Aqulina vs Christpher Friggieri"** (A.I.C. – 20 ta' Ottubru 2003) inghad li:-

*"Naturalment iridu jitharrsu l-principji ta' gustizzja naturali u fondamentali tas-smiegh xieraq kif sanciti fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja. Dan ma jfissirx pero' illi ghandha ghal din ir-raguni tigi mharsa u premjata n-non kuranza tal-parti. "Il-principju tal-audi alteram partem ma jimpurtax illi f'gudizzju huwa mprexxendibbli necessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata d-debita' opportunita' li huwa jipproducihom. Kieku kien diversament u cjoe' kieku ma setghatx taht ebda cirkostanza tinghata sentenza hlief wara s-smiegh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista' jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni tal-kawza billi jibqa' passiv jew jipprokrastina indefinittivament"* ***("Joseph Falzon vs Anthony Debono nomine****, Appell Kummercjali, 13 ta' Jannar 1975). Tali opportunita' giet akkordata lill-konvenut f'dan il-kaz cio' nonostante huwa baqa' ma ottemporax ruhu maghha".*

Illi minbarra dan jinghad ukoll li meta r-rikorrent talab lill-Qorti biex iressaq il-provi tieghu wara l-prezentata tar-rapport tal-Perit Legali, il-Qorti tal-Magistrati kienet korretta legalment meta cahdet tali talba. Infatti skond l-**artikolu 679 tal-Kap 12** ma jistghux jingiebu dokumenti jew xhieda godda wara r-rapport hlief fil-kazijiet eccezzjonali kkontemplati mill-ligi. Dan l-artikolu jipprovdi:-

*"Meta tigi moghtija lill-periti l-fakolta' li jircievu dokumenti jew li jisimghu xhieda, ma jistghux jingiebu quddiem il-qorti dokumenti godda jew xhieda ohra dwar l-oggett tal-perizja, hlief fil-kazijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 150 u fil-paragrafi (a), (b) u (d) tas-subarikolu (1) ta' l-artikolu 208".*

Illi nfatti fil-kawza fl-ismijiet **"Marianna Fenech et vs Carmelo Borg et"** (App Civ – 26 ta' Ottubru 1959) gie deciz li ladarba f'kawza jigi nominat perit gudizzjarju bil-fakolta' li jisma' ix-xhieda u jigbor il-provi kollha mehtiega, ma ghandhomx jigu ammessi, wara li huwa jkun ipprezenta r-relazzjoni tieghu, dawk il-provi li ma jkunux saru u ma jkunux gew prodotti quddiemu; salvi l-eccezzjonijiet kontemplati mill-ligi, bhal meta *si tratta* minn xi xhud li bil-mezzi legali ma setax jigi prodott quddiem il-perit, jew bhal meta n-necessita' jew utilita' tax-xhud tinhass wara l-prezentata tar-relazzjoni tal-perit.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet fuq premessi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat Gorg Portelli kontenuti fir-risposta tieghu datata 3 ta' Ottubru 2003 in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, u dawk ta' l-intimati l-ohra kontenuti f'paragrafu 2 (ii) *et sequitur* tar-risposta taghhom datata 11 ta' Ottubru 2005 u dan l-istess in kwantu huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talba tar-rikorrenti Jonathan Grech kontenuta fir-rikors kostituzzjonali tieghu tal-5 ta' Settembru 2005** u dan *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------